GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM
U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 15 ta' Ottubru 2021 **Ref:** DLAP 262/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Sfidi sportivi wara l-ħin tal-iskola tal-programm 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja'

---

Matul din is-sena skolastika l-Promoturi tal-Qari permezz tal-Isports tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, se jkomplu għaddejjin bl-isfidi sportivi (sett ġdid ta' attivitajiet) wara l-ħin tal-iskola u fil-vaganzi.

Għal dan il-għan, l-Aġenzija se tkun qiegħda tilqa' applikazzjonijiet mingħand ġenituri/kustodji ta' tfal, li twieldu bejn l-2008 u l-2013 li wliedhom jixtiequ jipparteċipaw f'din l-isfida. Wara li japplikaw, il-ġenituri/kustodji jingħataw data, ħin (waranofsinhar) u post fejn uliedhom ikunu jistgħu jagħmlu l-isfidi sportivi.

Kull min jipparteċipa se jingħata ktieb, ċertifikat iffirmat minn ex plejers tat-tim nazzjonali Malti u tifkiriet tal-okkażjoni. Dawk it-tfal li jirnexxilhom jegħlbu dawn l-isfidi se jingħataw żewġ kotba u ballun iffirmat mill-istess promoturi bħala premju. Din l-inizjattiva qiegħda ssir skont il-miżuri ta' saħħa u sigurtà mogħtija mis-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika.

**Min hu interessat jista' japplika billi jimla l-formola mehmuża u jibgħatha lil nla@ilearn.edu.mt. L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu sa mhux iktar tard mill-Ġimgħa, 29 ta' Ottubru 2021.**

Jekk tixtieq tkun taf iktar dwar din l-inizjattiva, żur il-paġna ta' Facebook 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja*/Footballers Read and Write Programme'* jew ċempel 2598 3324.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**